# RESQIN LEJN KRIŻI FINANZJARJA INTERNAZZJONALI OĦRA?



**EDWARD SCICLUNA** / *Ministru għall-Finanzi*




**Il-Ministru għall-Finanzi, il-Prof. Edward Scicluna f'Marrakech fil-Marokk waqt konferenza dwar il-kriżijiet finanzjarji u Internazzjonali bħala parti mill-*Atlantic Dialogues***

Meta nitkellmu fuq il-qagħda ekonomika ħafna persuni jimpurtahom biss kif sejra l-familja tagħhom. Ma tagħtihomx tort għaliex hija l-familja li hija l-aktar qrib tagħhom. Però hemm parti sostanzjali ta' Maltin oħrajn li jimpurtahom kif sejjer pajjiżhom. Dawn huma nies li jinteressahom kif qed tkun ir-rata tat-tkabbir ekonomiku; l-inflazzjoni u kemm huma fis-sod il-finanzi tal-gvern. Issib ukoll individwi li jsegwu xi jkun qed jiġri madwar id-dinja, speċjalment fejn għandu x'jaqsam mal-andament ekonomiku.

Hawn wieħed għandu jistaqsi: għaliex individwu għandu jimpurtah minn dak li jiġri f'pajjiżi ferm 'il bogħod minn xtutna?

Għalkemm id-dinja hija magħmula minn diversi pajjiżi mxerrdin ma' numru ta' kontinenti fejn ir-rata ta' tkabbir ekonomiku u l-livell tal-ħajja huwa ferm differenti, f'dinja globalizzata, dak li jiġri f'pajjiż ferm 'il bogħod minn Malta, jista' jħalli effett fuq dak li jkun qed jiġri ġewwa pajjiżna.

Fortunatament, il-kriżijiet finanzjarji internazzjonali mhumiex avveniment frekwenti. Fil-fatt, l-ikbar kriżi internazzjonali li laqtet il-pajjiżi kollha tad-dinja, tmur lura għas-sena 1930. Dik il-kriżi wasslet biex ikun hemm dipressjoni massiċċa mal-pajjiżi kollha (*The Great Depression*) li wasslet biex ikun hemm gwerra kummerċjali bejn il-pajjiżi fejn kull pajjiż beda jdaħħal taxxi u tariffi għoljin fuq prodotti impurtati biex jissalvagwardja il-prodotti manufatturati ġewwa l-pajjiż, iżda b'hekk ikun qed jesporta l-qgħad lejn pajjiż ieħor. Dan in-nuqqas kbir ta' negozju jwassal biex ikun hemm banek li jfallu; industriji li jagħlqu; qgħad li jgħolli rasu li jwassal għal faqar u għaks kbir.

Pajjiżna ntlaqat minn kriżi internazzjonali bħal din, għaxar snin ilu, fl-2008. Dik is-sena, bosta banek fosthom Lehman Brothers fl-Istati Uniti tal-Amerika u oħrajn f'pajjiżi Ewropej, fallew. L-Amerika u l-pajjiżi kbar għax ħadu t-tagħlima minn dak li kien ġara qabel, irrispondew għal din il-kriżi u ħadu l-prekawzjonijiet neċessarji u għalkemm intlaqtu xorta għalkemm tinijat.

Malta kellna x-xorti li ħriġna minnha mhux b'daqshekk ħsara grazzi għal banek li kienu b'saħħithom biżżejjed kontra banek oħra barranin.

Kien għalhekk li ma ħadniex dik id-daqqa li ħadu pajjiżi oħra. Pajjiżi ta' madwarna, għadhom qed iħossu l-effett tal-kriżi ta' għaxar snin ilu. Biżżejjed insemmu pajjiżi bħall-Greċja li għadhom qed iħossu l-effett negattiv li dan il-kollass fl-ekonomija mondjali ġabet magħha.

Bosta gvernijiet, nefqu flejjes kbar biex itaffu l-piż ta' din il-kriżi fuq il-familji. Fil-fatt, il-Bank Ċentrali tal-pajjiżi, kellhom jieħdu ċertu miżuri li wieħed lanqas biss qatt ma kien sema' bihom qabel. Sal-lum il-ġurnata, il-Bank Ċentrali Ewropew, għadu jippompja miljuni ta' ewro biex isostni l-ekonomija Ewropea –għalkemm issa l-President Draghi qed jgħid li se jwaqqaf dan il-proċess.

Kriżi bħal, din nistgħu nqisuha bħala "maltempata kbira tas-seklu" li wieħed jesperjenza darba f'ħajtu, maltempata li wasslet biex miljuni kbar ta' persuni tilfu x-xogħol u miljuni ta' persuni tilfu djarhom għax spiċċaw m'għandhomx flus biex ikunu jistgħu jħallsu l-pagamenti tas-self mal-bank li kienu ħadu biex xtraw darhom. Iżda agħar minn hekk, kellek persuni pensjonanti, li wara li għamlu għomorhom jaħdmu u jġemmgħu tul ħajjithom, tilfu t-tfaddil tagħhom għax fallew il-banek fejn kienu investew.

Dwar dan is-suġġett, ġejt mistieden nitkellem f'konferenza msejħa "Atlantic Dialogues" li saret f'Marrakesh fil-Marokk, il-ġimgħa l-oħra. Din il-konferenza saret fl-isfond ta' sħab iswed li reġa' qed jinġema' f'ċerti pajjiżi li jistgħu jerġgħu jidħlu f'xi kriżi oħra.

Dan it-tbassir qed isir għall-fatt li fl-Amerika, għandek President li beda jattwa l-programm tiegħu li jdaħħal tariffi fuq prodotti impurtati, tariffi li jistgħu jwasslu għal gwerer kummerċjali li eventwalment iwasslu biex ikun hemm kollass ekonomiku f'ċerti pajjiżi.

Din mhix xi sitwazzjoni surreali. Għall-kuntrarju. Diġà ssemma kif il-Ġermanja, għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, waqa' l-volum tal-esportazzjoni. Dan in-nuqqas ta' bejgħ, huwa riżultat tat-tariffi aktar għoljin li qegħdin jiddaħħlu, liema tariffi qed jiġi mbassar li jistgħu jintlaqtu wkoll il-karozzi mmanufatturati ġewwa l-Ġermanja.

Jekk inħarsu x'għamlet iċ-Ċina, din diġà daħlet fi gwerra kummerċjali. Fil-waqt li kien hemm żmien fejn sew il-Kanada u sew l-Messiku setgħu jkunu pajjiżi oħra li jidħlu fi gwerra kummerċjali mal-Amerika, b'xi mod raw kif sabu ftehim minħabba li beżgħu li setgħu jaqgħilgħu daqqa kbira 'l isfel, ekonomikament. L-Ewropa qiegħda fl-istess ilma.

Għandek pajjiżi oħra fejn qed jiżviluppaw problemi kbar oħra. Qed naraw l-instabbiltà kbira li hemm ġewwa r-Renju Unit, minħabba l-inċertezza li hemm fuq jekk hux se tibqa' jew le tiffirma parti mill-Unjoni Ewropea. Din l-inċertezza qed tolqot lill-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea, għax jekk u kif se toħroġ ir-Renju Unit, ikun qiegħed jaffettwa l-baġit tal-Unjoni Ewropea. Hemm diżgwid bejn il-Membri tal-Unjoni Ewropea għax it-tluq mill-Unjoni tar-Renju Unit, ifisser li l-pajjiżi se jkollhom jikkontribwixxu iżjed u jieħdu inqas.

Jekk wieħed jara kif kien l-andament tad-dejn dinji globali, kemm id-dejn pubbliku (tal-gvern) kif ukoll dak tas-settur privat, filwaqt li l-livell ta' dan id-dejn baqa' stabbli jekk jikkonsidra biss dawn l-aħħar erba' snin, meta wieħed jieħu l-kejl fuq dawn l-aħħar għaxar snin, isib li d-dejn kiber b'mod drastiku.

Fil-fatt, qabel il-kriżi tas-sena 2008, il-banek kienu qed isellfu bil-bosta aktar milli kellu flus depożitati miegħu. Dan kollu kien il-kaġun li ħafna banek fallew.

Kien għalhekk li fis-snin ta' wara l-kriżi, l-istituzzjonijiet internazzjonali, daħħlu bosta regoli, direttivi u liġijiet biex jonqos ir-riskju li l-banek jerġgħu jfallu u jitfgħu fi kriżi bosta pajjiżi u familji.

Iżda tul dawn l-aħħar għaxar snin, twieldu riskji ġodda.

Fid-diskussjoni li kellna fil-konferenza , kull kelliem qabel li filwaqt li hi diffiċli li wieħed ibassar xi kriżi internazzjonali, huwa importanti li meta jkun hemm individwi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, li jbassru li hemm possibilità li ġejja kriżi, twissija bħal din għandha tittieħed bis-serjetà. Semma kif il-gvernijiet għandhom ikunu ppreparati u ma jieħdu l-ebda riskju biex tiġi evitata kriżi finanzjarja internazzjonali oħra.

Ninsabu biss erbat ijiem qabel il-Milied u nixtieq nagħlaq dan l-artiklu b'ton pożittiv u nawgura lilkom u l-familji tagħkom il-Milied Hieni!